



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

5.7.2010

B7-0423/2010

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fil-Kirgiżistan

Hannes Swoboda, Adrian Severin, Henri Weber
f'isem il-Grupp S&D

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-Kirgiżistan

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Kirgiżistan u l-Ażja Ċentrali, b'mod partikolari dik tas-6 ta' Mejju 2005,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Frar 2008 dwar Strateġija tal-UE għall-Ażja Ċentrali,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President/Rappreżentant Għoli Catherine Ashton dwar kunflitti ġodda fil-Kirgiżistan tal-11 ta' Ġunju 2010 u dwar ir-referendum kostituzzjonali tat-28 ta' Ġunju 2010,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin tal-14 ta' Ġunju 2010,
 - wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE għal Sħubija Ġdida mal-Ażja Ċentrali adottata mill-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Ġunju 2007,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kirgiżistan li daħal fis-seħħ fl-1999,
 - wara li kkunsidra d-Dokument ta' Strateġija Reġjonali tal-Komunità Ewropea għal Assistenza lill-Ażja Ċentrali għall-perjodu 2007-2013,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fil-11 ta' Ġunju faqqgħu kunflitti vjolenti fil-bliet tan-Nofsinhar ta' Osh u Jalal-Abad, li komplew jintensifikaw ruħhom sal-14 ta' Ġunju, meta ġie rrapurtat li mijiet ta' rgjel armati attakkaw it-toroq tal-bliet, jisparaw fuq iċ-ċivili u jqabdbu l-ħwienet, waqt li l-oġettivi tagħhom għażluhom skont l-etniċità,
- B. billi skont l-awtoritajiet Kirgiżi madwar 300 persuna mietu fil-ġlied iżda ntweraw li hemm il-biża', anki mill-kap tal-gvern interim Rosa Otunbayeva, li ċ-ċifra reali tista' tkun akbar; billi aktar minn 2000 persuna weġġgħu jew kellhom jiddaħħlu l-isptar u għad fadal ħafna li huma neqsin,
- C. billi hu stmat li, minħabba l-vjolenza, 300 000 persuna ġew spostati internament u 100 000 persuna fittxew kenn fl-Uzbekistan qariba; billi l-gvern ta' Taxkent ipprova assistenza umanitarja lir-refuġjati bl-għajjnuna ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, iżda għalaq il-fruntiera tiegħu mal-Kirgiżistan fl-14 ta' Ġunju waqt li semma' nuqqas ta' kapaċità biex jilqgħu aktar nies,
- D. billi l-gvern interim iddikjara stat ta' emerġenza fiż-żona, u l-forzi tas-sigurtà, li kif jidher ġieli ma kinux jobdu l-ordnijiet, ma kinux kapaċi jieħdu l-kontroll tas-sitwazzjoni; billi l-

appelli li l-president interim Roża Otunbayeva għamlet lill-President Russu Medvedev u lill-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar is-Sigurtà Kollektiva għal appoġġ militari biex jerġa' jiġi instawrat l-ordni rċevew tweġibiet negattivi; billi talba biex tintbagħat forza tal-pulizija internazzjonali fil-Kirgiżistan ġiet mgħoddija lill-OSKE u attwalment qed tiġi eżaminata minnha,

- E. billi skont ir-riżultati tal-istħarriġ tas-Servizz Nazzjonali tas-Sigurtà tal-avvenimenti li seħħew mill-11 sal-14 ta' Ġunju, il-kunflitti ġew instigati minn membri qrib il-president imkeċċi Bakiyev, b'kollużjoni mar-radikali Iżlamiċi, militanti Taġikistani tat-Tramuntana u Talibani,
- F. billi l-UE, permezz tal-Programm ta' Gothenburg, adottat fl-2001 u d-dokumenti sussegwenti tirrikonoxxi l-importanza ta' prevenzjoni tal-kunflitt u s-sitwazzjoni attwali fil-Kirgiżistan, jitlob sabiex ir-raġunament teoretiku jissarraf f'azzjoni konkreta,
- G. billi l-Kummissjoni Ewropea allokat 5 miljun euro biex tipprovdi għajnuna medika ta' emerġenza, għajnuna umanitarja, oġġetti mhux tal-ikel, protezzjoni u assistenza psikoloġika għall-persuni milquta mill-kriżi; billi dan l-ammont jista' jitqabbel mal-appell urġentissimu tan-NU għal USD 71 miljun f'għajnuna ta' emerġenza,
- H. billi l-UE għandha tassumi rwol iktar importanti fl-appoġġ tal-pajjiż; billi l-UE impenjat ruħha, b'mod partikulari permezz tal-Istrateġija tagħha għall-Ażja Ċentrali, biex tkun sieħba tal-pajjiżi fir-reġjun; billi issa hemm bżonn urġenti ta' ħafna aktar involviment internazzjonali u r-rispons tal-UE se jkollu impatt fuq l-kredibilità tagħha bħala sieħba,
- I. billi referendum li tmexxa b'mod paċifiku fis-27 ta' Ġunju u b' rata ta' parteċipazzjoni għolja rriżulta fl-approvazzjoni ta' iktar minn 90% tal-votanti għal kostituzzjoni ġdida li tibbilanċja s-setgħat presidenzjali u s-setgħat parlamentari, il-konferma ta' Rosa Otunbayeva bħala president provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2011 u x-xoljiment tal-qorti kostituzzjonali; billi hu ppjanat li l-elezzjonijiet parlamentari jsiru fl-10 ta' Ottubru 2010,
- J. billi l-Ażja Ċentrali hija kkaratterizzata fil-parti l-kbira mill-faqar u minn bosta theddidiet serji lis-sigurtà tal-bniedem, kif ukoll minn governanza ħażina, awtoritarjaniżmu qawwi u nuqqas ta' mezzi legali biex wieħed jesprimi l-iskuntentizza u jfittex il-bidla politika; billi jeħtieġ li titrawwem u titjieb il-kooperazzjoni reġjonali sabiex jiġi żviluppat approċċ komuni għall-problemi u l-isfidi tar-reġjun; billi għandu jipi segwit approċċ iktar komuni mill-atturi reġjonali u internazzjonali għall-problemi u l-isfidi tar-reġjun;
- K. billi l-UE dejjem għandha żżomm l-impenn tagħha għall-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fil-ftehimiet tagħha ma' stati terzi, u tippromwovi riformi demokratiċi permezz ta' politiki koerenti u b'hekk iżżid il-kredibilità tagħha bħala attur fir-reġjun,
 - 1. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar il-kunflitti traġiċi u vjolenti li faqqgħu fin-Nofsinhar tal-Kirgiżistan u joffri l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi kollha;
 - 2. Jikkundanna bil-qawwa l-attakki kollha u l-atti ta' vjolenza u jitlob lill-gvern provviżorju biex imexxi s'tħarriġ plawżibbli, imparzjali u indipendenti dwar l-avvenimenti bl-assistenza tal-atturi internazzjonali sabiex issir ġustizzja ma' min wettaq il-vjolenti u jiġu

ċċarati l-allegazzjonijiet ta' involviment ta' membri tal-forzi tas-sigurtà Kirgiżi;

3. Jistieden lill-awtoritajiet provviżorji biex jagħmlu kull sforz sabiex is-sitwazzjoni terġa' lura għall-ħajja normali u biex jistabilixxu l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ir-refuġjati u l-persuni spostjati internament ikunu jistgħu jmorru lura volontarjament b'sikurezza u dinjità lejn djarhom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali biex jadottaw miżuri effettivi biex tinbena l-fiduċja u biex jibdedw djalogu ġenwin mal-komponenti etniċi kollha li jgħixu fin-Nofsinhar tal-Kirgiżistan bil-għan li jiġi żviluppat proċess ta' rikonċiljazzjoni kredibbli;
4. Jinsisti li l-isforzi tal-Unjoni Ewropea ma jissagrifikawx ir-rieda li tinstab l-istabilità politika tal-pajjiż, għall-prinċipji bażiċi tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-ġlieda kontra l-miżerja soċjali;
5. Jenfasizza li l-valuri li l-Unjoni Ewropea impenjat ruħha favurijom jobbligaw lill-Unjoni twieġeb għal din it-tbatija b'mod komprensiv, anki billi jiġu allokatu aktar mill-EUR 5 miljun mobilizzati s'issa, li jkun proporzjonat mal-appell urġentissimu tan-NU għal USD 71 miljun f'għajjuna umanitarja;
6. Jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tintensifika l-assistenza umanitarja b'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u biex tniedi programmi ta' rikostruzzjoni fuq medda ta' żmien qasira u medja għad-djar meqruda, biex tintradd lura l-proprietà mitlufa u għall-proġetti ta' riabilitazzjoni b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet Kirgiżi u donaturi oħra, sabiex jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għar-ritorn tar-refuġjati u l-persuni spostjati internament; jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, għall-importanza tal-proġetti għall-iżvilupp lokali;
7. Iħeġġeġ lill-Kunsill biex jieħu rwol mexxej fl-arranġamenti għal konferenza tad-donaturi internazzjonali għall-Kirgiżistan, fejn jiġu indirizzati l-problemi umanitarji u l-bżonnijiet bażiċi tal-Kirgiżistan u tiġi pprovduta l-għajjuna kollha meħtieġa għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiż;
8. Jenfasizza li r-rispons umanitarju, maħsub biex jindirizza l-ħtiġijiet immedjati, irid ikun akkumpanjat minn sforzi sabiex is-sitwazzjoni tiġi stabbilizzata u jitnaqqas u jitwaqqaf ir-riskju konsiderevoli ta' vjolenza ġdida, li hija theddida wkoll għall-paċi u s-sigurtà f'partijiet oħra ta' Wied Ferghana, li hija maqsuma bejn l-Uzbekistan, il-Kirgiżistan u t-Taġikistan;
9. Itenni s-sejħa tiegħu biex is-sigurtà tal-bniedem tkun fiċ-ċentru tal-politika tal-UE għall-Ażja Ċentrali; jinnota li fin-Nofsinhar tal-Kirgiżistan dan jimplika fost l-oħrajn għajjuna biex tiġi garantita s-sigurtà fiżika tal-Użbeki etniċi, kif ukoll tal-persuni li jagħmlu parti minn gruppi etniċi oħrajn;
10. Speċifikament jitlob li ssir malajr investigazzjoni internazzjonali imparzjali sabiex jintefa' dawl fuq l-atroċitajiet kommessi kontra l-minoranzi Użbeki li jaħarbu n-Nofsinhar tal-Kirgiżistan, fid-dawl ta' testimonjanzi orribbli numerużi, u sabiex l-awturi tagħhom u dawk responsabbli jiġu mfittxija u miġjuba għall-ġustizzja; jitlob sabiex dawn l-investigazzjonijiet jitfgħu dawl fuq l-akkużi ta' kollużjoni bejn il-familja tal-ex President Bakiyev u gruppi ta' mafja tad-drogi sabiex jiddistabilizzaw il-pajjiż.

11. Jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex jappoġġaw u jikkontribwixxu sabiex tintbagħat malajr missjoni tal-pulizija tal-OSKE bl-għan li jiġi evitat li tfaqqaq l-vjolenza mill-ġdid, tiġi stabilizzata s-sitwazzjoni fil-bliet effettwati mill-kunflitti, jiġu protetti l-vittmi u l-iktar persuni vulnerabbli u jiġi ffaċilitat ir-ritorn tar-refuġjati u tal-persuni spostjati internament;
12. Jinnota l-imġiba paċifika u r-riżultat tar-referendum kostituzzjonali tas-27 ta' Ġunju, li jwitti t-triq għar-ritorn lejn ordni kostituzzjonali; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex isibu mezzi biex jgħinu lill-gvern provviżorju tal-Kirgiżistan u lill-awtoritajiet biex jimxu 'l quddiem fi triqithom lejn riformi demokratiċi u fit-tiżni tal-istat tad-dritt, jikkontrobattu d-diskriminazzjoni fil-ħajja pubblika, jipprovdu aċċess għal proċeduri legali kredibbli u jtejbu l-ħajja tal-poplu permezz tal-iżvilupp nazzjonali u l-għoti tas-setgħa li-ċittadini b'kooperazzjoni mal-persuni interessati kollha u mas-soċjetà ċivili Kirgiża;
13. Jitlob li jsir użu estensiv mill-Istrument għall-Istabilità u jitlob lill-Kummissjoni tħejji proposti dwar ir-riallokazzjoni ta' fondi tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp biex tgħin sabiex jiġi żgurat li r-rispons tal-UE fuq medda ta' żmien kemm qasira u kemm medja għas-sitwazzjoni l-ġdida fil-Kirgiżistan isir fuq skala adegwata;
14. Jesprimi tħassib dwar rapporti li xi difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kirgiżistan ġew arrestati u jistieden lill-awtoritajiet Kirgiżi biex jieħdu l-miżuri kollha li hemm bżonn biex jiżguraw li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jkunu jistgħu jagħmlu xogħolhom għall-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem mingħajr ebda xkiel;
15. Jissuġġerixxi li l-forzi demokratiċi tal-pajjiż jsejħu għal forza internazzjonali tal-paċi magħmula mill-Forza Konġunta għall-Paċi tan-NU, l-UE u r-Russja sabiex tintervjeni biex terġa' ggħib il-fiduċja fil-gvern preżenti, jekk jissahħahmsahha bl-elezzjoni li jmiss, filwaqt li jfakkar li mill-indipendenza, il-Kirgiżistan kien meqjus bħala l-aktar demokratikament avanzat fost il-pajjiżi Ażjatiċi Ċentrali;
16. Jissuġġerixxi li l-UE għandha tiegħu l-inizjattiva fl-organizzazzjoni ta' konferenza / konsultazzjoni internazzjonali, li tinvolvi mhux biss l-UE, in-NU, ir-Russja u l-Istati Uniti (li għandhom bażijiet militari fit-territorju Kirgiż) u l-Kazakistan (li jippresjedi l-OSKE), iżda wkoll iċ-Ċina, li x'aktarx ikollha influwenza konsiderevoli f'din il-parti tal-Ażja Ċentrali, b'mod partikolari bl-għan immedjat ta' sostenn għall-proċess ta' rikonċiljazzjoni bejn il-minoranzi Kirgiżi u Użbeki li jgħixu fil-Kirgiżistan;
17. Jenfasizza li l-iżviluppi fil-Kirgiżistan jinfluwenzaw iżda wkoll huma influwenzati mill-iżviluppi reġjonali u internazzjonali; jinsab ċert li hemm bosta interessi komuni bejn ir-Russja, l-Istati Uniti u pajjiżi oħrajn, b'mod partikolari b'rabta mal-Afganistan u ż-żieda fir-radikaliżmu Iżlamiku fir-reġjun, inkluż fil-Kirgiżistan; iqis li dan għandu jippermetti li l-kompetizzjoni ġeopolitika tkun limitata u li jinsabu sinerġiji bl-għan li r-reġjun jiġi stabilizzat; jemmen li s-suċċess f'dan il-qasam ikollu effetti pożittivi aktar estensivi fuq ir-relazzjonijiet internazzjonali u fuq is-sigurtà internazzjonali;
18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-OSKE.